MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 3006/1996/1

**Cedis Malta Limited**
**Vs**
**Raymond Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici bhala *supermarket supervisor*.

Peress illi dan il-kuntratt ta' impjieg kien regolat skond kitba tal-hamsa (5) ta' Gunju tal-elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) li kopja taghha qieghda tigi hawn mehmuza u mmarkata Dokument "A".

Peress illi dan il-kuntratt kien jipprovdi ghal terminu ta' mpjieg fiss ghall dan l-impjieg ta' tlett snin bil-patt illi dik il-

parti li ttemm l-istess impjieg qabel l-iskadenza tat-terminu miftiehem, tkun responsabbli ghall-hlas lejn il-parti l-ohra ta' kumpens ekwivalenti ghal nofs il-paga li kienet tithallas fil-perjodu rimanti mit-terminu originali.

Peress illi fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tal-elf disa' mija u sitta u disghin (1996) il-konvenut qabad u abbanduna dan l-impjieg minghajr ebda raguni valida fil-Ligi u dan anki minkejja li kien gie mwissi minn qabel x'ikunu l-implikazzjonijiet legali ta' tali temm qabel l-iskadenza tat-terminu miftiehem.

Peress illi l-konvenut qieghed jirrifjuta li jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens gust dovut lis-socjeta' attrici.

Jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:
1. Tiddikjara u tiddecidi li l-konvenut qabad u abbanduna l-impjieg minghajr ebda raguni valida qabel ma skada t-terminu miftiehem ghall-istess impjieg.

2. Tillikwida l-kumpens konsegwentement pagabbli mill-konvenut lis-socjeta' attrici skond it-termini tal-kitba fuq imsemmija.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi mhuwiex minnu illi l-esponenti abbanduna l-post ta' l-impjieg tieghu, huwa telaq biss wara l-ftehim mal-persuna responsabbli fil-post tax-xoghol tieghu.

2. Illi fi ftehim bejn l-esponenti u l-persuna responsabbli fil-kumpanija kif gie miftiehem illi l-esponenti

ma kellu jaghti xejn lill-kumpanija u ghalhekk ma hemm ebda ammont dovut mill-esponenti.

3. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet xhieda bil-gurament;
Semghet it-trattazjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fil-5 ta' Gunju 1995 kien sar kuntratt[1] li permezz tieghu is-socjeta' attrici rapprezentata mid-Direttur taghha Ronald Galea impjegat lill-konvenut, bhala supermarket supervisor, liema kuntratt kellu hajja ta' tlett snin.[2].

Illi skond it-tieni paragrafu tal-klawsola numru ghaxra [10] "If the employee abandons this service to his employer or wilfully brings his dismsissal from work by the employer before the time definitely specified by this contract of service ..”[3] l-impjegat jkun obbligat jhallas penali kif indikat fl-istess klawsola.

Illi ghal habta ta' Gunju 1996 il-konvenut sema' xnighat[4] li s-supermarket kien ser jinbigh, u peress li huwa hass li b'hekk il-job security tieghu kien ser jigi mminat, huwa sab opportunita' ta' impieg iehor u fil-5 ta' Awissu kkomunika lill-*Personel Relations Manager* Victor Agius il-hsieb tieghu li jittermina l-impieg tieghu minn mas-socjeta' attrici qabel iz-zmien.

Illi l-imsemmi Victor Agius kkonsulta mad-Diretturi tal-kumpanija u dawn tawh struzzjonijiet li jikkomunika lill-konvenut il-hsieb taghhom li ma japplikawx l-imsemmija

[1] Fol.5-6
[2] Klawsola 2 - rinovabbli kif espress fl-istess ftehim
[3] Fol.7 – sottolinear tal-Qorti
[4] Li ssussegwentement irrizultaw li kienu veri

klawsola *"jekk Raymond Borg jaghtina 'notice' bizzejjed sakemm insibu replacement tieghu u jaghtih handover"*[5] *"Dan il-messagg kellu jigi komunikat lilu [il-konvenut] minn Victor Agius".*

Jidher li l-konvenut accetta din il-proposta u fit-12 ta' Awissu baghat in-notice kif mitlub u dam jahdem fl-impieg tieghu sal-ahhar ta' Awissu u f' dak l-istess perijodu gie nominat minn floku certu Tony Gatt. Fi kliem l-imsemmi Victor Agius il-konvenut *"hadem sal-ahhar ta' Awissu ezatt … imbaghad warjah dahal xi hadd gdid .. Kif telaq is-sur Borg, it-Tnejn beda xi hadd iehor".*[6] Di fatti Victor Agius accetta r-rizenja tal-konvenut.[7]

Illi l-konvenut fl-affidavit tieghu sostna li huwa ma kienx ser jitlaq kieku ma nghatax assikurazzjoni minn Victor Agius li ma kienux ser jfittxuh ghall-penali talli tterimina l-impieg tieghu qabel iz-zmien u *"kont nibqa' hemm sakemm ikeccuni".*[8] Di fatti huwa accetta l-proposta maghmula mid-Diretturi, tramite Victor Agius, u hadem il-fuq minn sbatax il-gurnata ohra wara li ta n-notice kif kien mitlub jaghmel.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi in tema legali jigi osservat li skond il-ligi, kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn minn nies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata jew mahlula obbligazzjoni [Art.960]. Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom [Art.992] u jorbtu lill-istess fit-termini taghhom. Il-kuntratti ghandhom jigu esegiwiti bil-bona fede.[Art.993]. *"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti <u>kif espressa fil-konvenzjoni</u> li [ghandha] tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda." [App.Civ.* ***Gloria Beacom et vs L-Arkitett Anthony Spiteri Staines*** *deciza 5 ta' Ottubru 1998].* Il-kuntratt

---

[5] Affidavits Ronald Galea u John Magro – Fols.78
[6] Deposizzjoni 21 ta' Novembru 2003 - Fols.98-99
[7] Fol.37
[8] Affidavit – Fol.22

ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens tal-kontraenti kollha, jew ghal ragunijiet maghrufa mill-ligi [Art.992.2]

Illi fil-kaz in ezami r-relazzjoni bejn il-partijiet hija regolata u gvernata bil-ftehim tal-5 ta' Gunju 2004, u senjatament il-klawsola numru 10 li tikkontempla u tirregola, inter alia, sitwazzjoni ta' tmien tal-impieg qabel l-iskadenza taz-zmien. Gjaladarba hemm l-*idem pacitum consensus*, din il-klawsola, bhal kumplament tal-konvenzjoni, ghandha titqies bhala ligi bejn il-partijiet u ma tistax tigi njorata jew imwarrba jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet, jew b' rinunzja cara u univoka da parti tal-kontraenti li favur tieghu tkun giet stipulata.

Illi mill-provi jirrizulta assodat li l-konvenut ried jittermina l-impieg tieghu, kif fil-fatt ghamel, qabel l-iskadenza tal-perijodu defenit stabbilit fl-istess kuntratt. Fit-termini tal-istess kuntratt, dan ma setghax jaghmlu minghajr ma jinkorri fil-penali kif stipulat fil-klawsola 10. Izda f' dan il-kaz, ic-cirkostanzi konkomitanti u sussegwenti zvilippaw b' tal-mod li l-parti tal-konvenzjoni li tirrigwarda l-penali giet reza inapplikabbli, u dana b'decizjoni tad-dirigenti tas-socjeta' attrici u l-accettazzjoni tal-proposta taghhom da parti tal-konvenut.

Illi fl-affidavits taghhom, Ronald Galea u John Magro qalu li meta gie komunikat lilhom, tramite il-Relations Manager Victor Agius, li l-konvenut xtaq jitlaq mill-impieg qabel iz-zmien, huma ma nvokawx l-applikazzjoni tal-klawsola numru 10 kif kellhom dritt jaghmlu bis-sahha tal-ftehim, izda ddecidew li ma japplikawx il-penali jekk il-konvenut jaghtihom *'notice'* bizzejjed sakemm isibu replacement. Din il-proposta giet komunikata tramite l-istess Agius lill-konvenut li accetta, tant li dana baghat n-notice fit-12 ta' Awissu u baqa' jahdem sal-ahhar ta' Awissu. Kif telaq iddahhal minfloku Tony Gatt kif fuq indikat. Dan skond il-ftehim gid milhuq.

Illi minn dan il-kwadru tal-fatti johrog car li l-klawsola numru 10 u senjatament it-tieni paragrafu giet, bil-kunsens taz-zewg kontraenti, [kontendenti f' din il-kawza] <u>superata bi ftehim iehor sussegwenti </u>li l-partijiet ftehmu li ghandu

jirregola s-sitwazzjoni li nholqot sussegwenti ghall-iffirmar fl-kuntratt.  Ghalkemm din is-sitwazzjoni setghet tigi gvernata, u kellha tigi gvernata, fit-termini tal-kuntratt, izda malli d-dirigenti tas-socjeta' attrici ghamlu l-proposta taghhom lill-konvenut u malli dan accettaha, allura huwa dan il-ftehim gdid u sussegwenti li ghandu jirregola s-sitwazzjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti.

Mill-provi jirrizulta car u manifest, anzi *ex admissis* minn naha attrici, li huma kienu lesti li jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom naxxenti minn dik il-klawzola bil-kundizzjoni li l-konvenut jibqa' jahdem sakemm jinstab replacement. Kondizzjoni li avverat ruhha fl-ahhar ta' Awissu.

Huwa opportun li jigi osservat f' dan l-istadju li t-tesi attrici li l-imsemmi Victor Agius ma kellux dritt jaccetta r-rizenja tal-konvenut hija insostenibbli fattwalment u legalment. Il-provi juru *ab abundantia* li d-Diretturi kienu espressament nkarigaw lill-Victor Agius bhala Relations Manager, biex jikkomunika d-decizjoni taghhom lill-konvenut u jittratta mieghu f' dan ir-rigward skond kif gie deciz minnhom. Huwa kellu mandat espress u specifiku f' din il-vertenza minn naha tad-Diretturi mandanti tieghu.  Inoltre, dan il-mandat kien jirrizulta car anke ghall-konvenut, li allura kellu kull ragun legalment qis lil Victor Agius bhala mandatarju tas-socjeta' attrici, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.  In fine ghandu jinghad, li mill-provi ma rrizultax li dan Victor Agius ecceda l-limiti tal-mandat moghti lilu, u dan mexa fuq l-istruzzjonijiet moghtija lilu mid-Diretturi.

Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici mhumiex gustifikati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------